MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1816/2002

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maria Grazia Spiteri Sacco u l-istes Maria Grazia Spiteri Sacco**

**Vs**

**Christopher Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm381.45) [Lm356.45 lis-socjeta Atlas Insurance Agency Limited noe u Lm25 lil Maria Grazia Spiteri Sacco] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fil-Hamrun fl-10 ta' Awissu 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq

il-vettura numru CAT 891 habat mal-vettura bin-numru GAC 236.

Ra li l-konvenut ghalkemm gie debitament notifikat naqas milli jidher ghas-seduti u jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jitratta incident tat-traffiku li sehh fi Triq il-Kappillan Mifsud kantuniera ma’ Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun.

2. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod cjar li l-incident sehh meta l-konvenut ipprova jaghmel manuvra ta’ sorpass f’parti tat-triq fejn l-attrici kienet ser iddur ghal gewwa Triq il-Kappillan Valletta.

3. Kieku l-konvenut kien miexi wara l-vettura misjuqa mill-attrici u ma ghamilx manuvra ta’ sorpass f’dik il-parti tat-triq, l-incident ma kienx isehh. Huwa veru li min ikun ser jaqsam ghal gewwa triq laterali ghandu joqghod attent li t-traffiku ta’ warajh jinghata pre-avviz tal-manuvra li jkun ser jaghmel, pero fil-kaz odjern jidher li tali avviz inghata fil-mument opportun. Zgur li f’dawk ic-cirkostanzi l-konvenut ma messux ipprova jaghmel manuvra ta’ sorpass, liema manuvra kienet sahanstira titlob li jmur fuq in-naha hazina tat-triq.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-aturi s-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm381.45) [Lm356.45 lis-socjeta Atlas Insurance Agency Limited noe u Lm25 lil Maria Grazia Spiteri Sacco], u dan bhala hlas ta’ danni li gew ikkagunati fl-incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta’ Awissu 2001 gewwa Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun.

L-imghax kif mitlub u l-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------